MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 06/09

**It-Tnejn 28 ta' Ottubru 2024**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-ħamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Romeo Baldacchino – Sindku
Andrew Dalli – Viċi Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Marija Micallef – Kunsilliera
Claire Chetcuti – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Nil

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

6.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

6.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

6.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

6.4 Attitivatjiet tal-Milied 2024;

6.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

6.6 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;
- a. Ġnien Raymond Caruana – progress
- b. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
- c. Miz 4.3: Toroq Rurali – progress Tender GLC01/2023: The Major Rehabilitation of Rural Passageways in Tal-Għoljiet and Sqaq il-Loġġa in Gudja
- d. Proġett tal-Pjazza – progress
- e. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
- f. Proġett ta' Rinovazzjoni tal-Latrina Pubblika - progress

6.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

6.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Romeo Baldacchino ppresedja l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta` filgħaxija (5:30pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 06.1 Qari tal-ittri ta' apoloġilji

Is-Sindku nfurma lil dawk prezenti li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 06.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 05/9 nem con.

**06.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

06.3.1 Is-Sindku għamel referenza għal proġett tal-pjazza fejn propona li jiġu nstallati bins u bike rack. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Il-Kunsillier S Caruana propona li jiġu nstallati bike racks oħra fejn Ġnien Raymond Caruana u Ġnien Ġlormu Cassar.

06.3.2 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li tindif matul l-aħħar festa kien tajjeb ħafna u li l-Kunsill sab il-koperazzjoni ta' Clean Malta u rringrazzjahom tas-servizz li ngħata. Il-Kunsillier S Caruana staqsa dwar il-knis jekk kienx hemm xi programm ta' kif qed isir ix-xogħol. Is-Sindku qal li għalissa qed jsegwi huwa u ser ikun qed jinħareġ programm ta' xogħol sakemm jindraw it-toroq mill-kenniesa l-ġodda. Is-Sindku qal li Clean Malta ser tkun qed jipprovdielna sweeper żgħira.

06.3.3 Is-Sindku għamel referenza għal magna tal-BCRS fejn sfortunatment kull post li qed jiġi propost mhux qed jiġi aċċettat minn naħa ta' TM. Is-Sindku talab sabiex jingħata ultimatum ta' xahrejn biex minn naħa tal-kumpanija stess jinstab post u titneħħa mill-post li qegħda. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

06.3.4 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li tabelli tal-parkeġġ kienu nbiddlu u saru bil-ħinijiet il-ġodda mis-1:00am sa 7:00am fejn matul dawn il-ħinijiet ma jisgħtux jipparkjaw karozzi mingħajr il-permess maħruġ mill-Kunsill.

06.3.5 Is-Sindku għamel referenza għall-one ways li saru fi Triq San Mark, fejn il-Kunsill ma rċieva xejn minn naħa ta' TM.

06.3.6 Is-Sindku għamel referenza għal proġett Rights fejn il-laqgħa li jmiss ser tkun fis-6 ta' Novembru 2024. Is-Sindku preżenta l-kuntratt li ser jiġi ffirmat mall-Grupp Żgħażagħ Gudja fejn kien hemm qbil minn dawk preżenti.

06.3.7 Is-Sindku għamel referenza għal laqgħa li saret mall-Kap tal-Iskola Primarja tal-Gudja mas-Segretarju Eżekuttiv u mall-Kunsilliera C Chetcuti fejn ġew diskussi diversi temi fosthom xi attivitajiet li l-iskola qed tippjana li jsiru matul din is-sena skolastika. Is-Sinjura Falzon Ghio talbet l-għajnuna tal-Kunsill sabiex jgħin fil-borża ta' San Martin li ser titqassam lill-istudenti. Dwar dan kien hemm qbil mill-membri tal-Kunsill. Il-Kunsilliera C. Cetchuti qalet ukoll li l-Kap tal-Iskola kienet ser tara li librerija pubblika tintuża anke mill-iskola.

06.3.8 Is-Sindku għamel referenza għal l-applikazzjonijiet li saru mall-Public Works minħabba ħitan li hemm bżonn jitranġaw fejn ħajt wieħed biss huwa eleġġibli biex isir, dak ta Triq J.Gravina kantuniera ma' Triq Ħal-Għaxaq. Il-ħitan li ma kienux eleġibbli huma ta' Dawret il-Gudja, Triq Gravina u Triq il-Lewż.

06.3.9 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li f'Novembru ser isir iż-żbir tas-siġar ta' Vjal it-Torri. Il-Kunsilliera C Chetcuti qalet li hemm bżonn isir żbir tas-siġar ta' Ġnien il-Ħelsien.

18:01hr Is-Sindku talab sabiex tiġi sospiża laqgħa. Kien hemm qbil minn dawk preżenti.

18:10hr Titkompla laqgħa tal-Kunsill.

06.3.10 Preżentat ir-Rapport Finanzjarju ta' kull Kwart minn Jannar sa Settembru 2024, liema rapport ġie approvat unanimament.

06.3.11 Is-Sindku għamel referenza għat-tilqima ta' influwenza u tilqim l-ieħor, fejn il-Kunsill wera nteress li joffri servizz lir-residenti.

06.3.12 Is-Sindku għamel referenza għal laqgħa li saret mall-Onorevoli Alison Zerafa Civelli dwar is-sitwazzjoni tal-binja tal-Kunsill. Is-Sindku żied li matul din il-laqgħa l-Kunsill għamel referenza għal binja ta' fejn il-Kunsill.

06.3.13 Preżentat ir-Rapport tal-Contracts Manager għax-xahar ta' Settembru 2024.

06.3.14 Is-Sindku propona sabiex isir ħarġa għal żmien il-Milied – Buffet Breakfast nhar is-17 ta' Diċembru 2024 u ssir attivita oħra billi jinkera van għal Christmas Market ta' Rabat għat-12 ta' Diċembru 2024, liema attivita ssir mingħajr ħlas. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

06.3.15 Is-Sindku għamel referenza għax-xogħlijiet li qegħdin isiru fil-latrina pubblika tal-Gudja, fejn ix-xogħlijiet mexjin tajjeb. Is-Sindku preżenta samples tal-aluminium fejn flimkien ġie deċiż il-kulur tal-alumunium.

06.3.16 Preżentata korrispondenza li waslet għand il-Kunsill mingħand il-Gudja United, sabiex il-Kunsill jgħin finanzjarjament fl-attivita li ser isir Għawdex mill-istess għaqda. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

06.3.17 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti bil-konferenza stampa li ser isir tal-skema Komunitajiet Aktar b'Saħħithom ġewwa l-Fgura.

06.3.18 Is-Sindku għamel referenza għall-gabbani tal-festi, fejn propona sabiex sidien mill-Gudja li għandhom gabbana jingħataw prijorita u ma jidħolx fil-polza. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

06.3.19 Is-Sindku għamel referenza għall-Skema t'Għajnuna Finanzjarja Maħruġa mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsihar għal żmien il-festi tal-Milied. Il-Kunsill qabel li japplika għat-tiżjin tal-Milied.

**06.4 Attivitajiet tal-Milied;**

Wara diskussjoni, il-membri tal-Kunsill qabblu bil-ħinijiet u l-post tal-attivita', fejn din ser isir fil-Pjazza tal-Gudja. L-attivita ser tibda fl-4.30pm b'żewġ korijiet umbgħad ikun hemm waqfa waqt il-quddiesa u jitkompla l-ispettakli fis-7.30pm sa 9.30pm bil-kantata Claudia Faniello,

Glen Vella u Amber. Il-Kunsillier S Caruana propona sabiex inkellmu lil Warren biex isir Christmas Fun Run matul in-nofs ta' nhar ta' filgħodu.

06.5 **Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

06.5.1 Il-Viċi Sindku propona biex tiżdied bozza ħamra mall-lights ta' Triq Ħal Għaxaq biex il-karozzi jieqfu wkoll fis-service road.

06.5.2 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex il-Kunsill jerġa'jibgħat ħabba l-proġett tal-barrani biex ikun hemm dħul għal Gudja

06.5.3 Il-Kunsillier S Caruana għamel refereza għal see – saw tal-Ġnien Ġlormu Cassar sabiex nibgħatu l-ħaddiema jarawha.

06.5.4 Il-Kunsillier S Caruana għamel referenza għall-stemma tal-Gudja sabiex l-istemma tinbidel għal dik b'seba' ponot.

06.6 **Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Ġnien Raymond Caruana – progress

Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li xogħlijiet fil-Ġnien Raymond Caruana kienu mixjin tajjeb.

d. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
e. Proġett tal-Pjazza – progress

Is-Sindku propona sabiex jitneħħew il-planters il-kbar mill-pjazza u jitħawwlu biss il-planters iż-żgħar u dawk kwadri. Il-Kunsillier Stefan Caruana għamel referenza għad-dawl ta' mal-istatwi, fejn ġie nfurmat li l-Kunsill kien diġa nforma lill-perita dwar dan u ser isiru minn naħa ta' IM

f. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress

06.7 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-pagamenti nru 005/9 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsilliera C Chetcuti u ssekondata mill-Kunsillier S.Caruana għall-ammont totali ta' €26,020.46 u ġiet approvata nem con.

06.8 Tmiem tal-Laqgħa

Il-Laqgħa ntemmet fis-sebgħa neqsin għaxra ta` filgħaxija (7:50pm). Is-Sindku aġġorna l-laqgħa għal nhar it-Tnejn 18 ta' Novembru fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa. Is-Sindku propona wkoll li dakinhar stess isir il-Laqgħa Annwali tal-Lokalita. Dwar dan kien hemm qbil unanimament.

Konfermati, illum it-Tnejn 18 ta' Novembru 2024

ffirmati
Romeo Baldacchino
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv